# Linji Gwida tal-ABE
# dwar
# Valur fir-Riskju Taħt Stress (VaR taħt Stress)

## EBA/GL/2012/2

## Londra, 16.05.2012

## Status ta' dawn il-Linji Gwida

1. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ('ir-Regolament tal-ABE'). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ABE, l-awtoritajiet kompetenti u l-parteċipanti fis-suq finanzjarju jridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-ABE dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. Għaldaqstant, l-ABE tistenna li l-awtoritajiet kompetenti kollha u l-parteċipanti fis-suq finanzjarju jikkonformaw mal-linji gwidi li huma indirizzati lejhom. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew ir-regoli superviżorji u/jew ta' gwida jew il-proċessi supeviżorji tagħhom), anki fejn linji gwida partikolari jkunu indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' Notifika

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ABE, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-ABE dwar jekk jikkonformawx jew humiex biħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jipprovdulha raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sas-16.07.2012. Fin-nuqqas ta' xi notifika sa din id-data ta' skadenza, l-ABE sejra tqis li l-awtoritajiet kompetenti mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola pprovduta fit-Taqsima lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2012/2'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa sabiex jirrapportaw konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

4. In-notifika tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu ta' qabel għandha tiġi ppubblikata fuq il-websajt tal-ABE, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-ABE.

# Werrej

**Linji Gwida tal-ABE dwar Valur fir-Riskju Taħt Stress (VaR taħt Stress) ...... 1**
Titolu I – Suġġett, Kamp ta’ applikazzjoni u Definizzjonijiet ... 4
1. Suġġett ... 4
2. Kamp ta’ applikazzjoni u livell tal-applikazzjoni ... 4
3. Definizzjonijiet ... 4
Titolu II – Rekwiżiti rigward l-immudellar tal-VaR taħt Stress tal-istituzzjonijiet .. 5
**A. Identifikazzjoni u validazzjoni tal-perjodu ta’ stress** ... 5
4. Tul tal-perjodu ta’ stress ... 5
5. Numru ta’ perjodi ta’ stress li jridu jintużaw għall-kalibrar ... 5
6. L-approċċ għall-identifikazzjoni tal-perjodu storiku xieraq ... 6
7. Dokumentazzjoni b’appoġġ tal-approċċ użat biex jiġi identifikat il-perjodu ta’ stress ... 7
**B. Analiżi tal-perjodu ta’ stress** ... 8
**8. Frekwenza** ... 8
**9. Monitoraġġ tal-perjodu ta’ stress** ... 8
**Ċ. Metodoloġija tal-VaR taħt Stress** ... 9
**10. Konsistenza mal-metodoloġija tal-VaR** ... 9
11. Stima tal-prokuri għall-VaR taħt Stress ... 11
12. Validazzjoni tal-prokuri ... 12
13. Validazzjoni tal-inputs/eżiti tal-mudell ... 12
**D. Test tal-użu** ... 13
14. Test tal-użu ... 13
Titolu III – Dispożizzjonijiet Finali u Implimentazzjoni ... 13
15. Data ta’ applikazzjoni ... 13

## Titolu I – Suġġett, Kamp ta’ applikazzjoni u Definizzjonijiet

### 1. Suġġett

Dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jilħqu fehim komuni bejn l-awtoritajiet kompetenti madwar l-UE dwar il-mudelli tal-Valur fir-Riskju Taħt Stress (VaR) sabiex titjieb il-konverġenza tal-prattiki superviżorji b’konformità mal-Anness V tad-Direttiva 2006/49/KE, kif emendata mid-Direttiva 2010/76/UE.

### 2. Kamp ta’ applikazzjoni u livell tal-applikazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f’dawn il-Linji Gwida dwar il-VaR taħt Stress.

2. Dawn il-linji gwida għandhom japplikaw għall-istituzzjonijiet li jużaw Approċċ tal-Mudell Intern (IMA - Internal Model Approach) għall-finijiet ta’ kalkolu tar-rekwiżit ta’ kapital għar-riskju tas-suq fil-ktieb tal-kummerċ.

3. Il-linji gwida japplikaw għall-istituzzjonijiet fil-livell (waħdieni u/jew konsolidat) li fih, il-mudell huwa awtorizzat sabiex jintuża mill-awtorità kompetenti rilevanti, sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor f’dawn il-Linji Gwida.

### 3. Definizzjonijiet

F’dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw id-definizzjoniijet li ġejjin:

a. It-terminu *istituzzjonijiet* għandu jfisser istituzzjonijiet ta’ kreditu u ditti tal-investiment kif stipulat fid-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE.

b. It-terminu *dejta antitetika* fil-punt 6 ta’ dawn il-Linji Gwida għandu jfisser ċaqlieq fil-prezz li huwa meqjus rilevanti indipendentement mid-direzzjoni tiegħu.

c. It-terminu *de-meaning* fil-punt 10 ta’ dawn il-Linji Gwida għandu jfisser proċess kwantitattiv għat-tneħħija ta’ xejra minn dejta storika. Skont il-pożizzjonijiet u d-daqs tax-xejra, jekk ma titneħħiex it-tendenza mid-dejta storika biex jiġu simulati l-varjazzjonijiet fil-prezz, jistgħu jiġu ġġenerati xenarji li primarjament irendu profitt u telf ferm baxx u limitat.

d. It-terminu *prokura* fil-punt 11 ta’ dawn il-Linji Gwida għandu jfisser varjabbli jew prezz osservabbli meħud minn suq likwidu li jintuża biex jieħu post varjabbli li ma jistax jiġi osservat (jew li l-prezz ipotetiku tiegħu ma jirriflettix transazzjonijiet reali minn suq bidirezzjonali fond) u għalhekk, ma jistax jitkejjel bi preċiżjoni. L-istituzzjonijiet jużaw prokuri għall-finijiet ta’ valutazzjoni kif ukoll għall-kejl tar-riskji. Minn perspettiva teoretika, jistgħu jiġu identifikati tliet tipi ta’ prokuri: dawk applikati fil-valutazzjoni tal-istrumenti (li jaffettwaw l-adegwatezza tal-VaR u l-VaR taħt Stress bħala kejl

ta' kapital); dawk użati għal kalkoli tal-VaR (li jiġu ppreżenti wkoll f'metriċi tal-VaR taħt Stress); u dawk li jaffettwaw biss il-kalkolu tal-VaR taħt Stress.

## Titolu II – Rekwiżiti rigward l-immudellar tal-VaR taħt Stress tal-istituzzjonijiet

## A. Identifikazzjoni u validazzjoni tal-perjodu ta' stress

### 4. Tul tal-perjodu ta' stress

1. Ir-rekwiżit stabbilit fis-CRD li d-dejta storika użata biex jiġi kkalibrat il-kejl tal-VaR taħt Stress trid tkopri perjodu kontinwu ta' 12-il xahar, japplika wkoll f'każijiet li fihom l-istituzzjonijiet jidentifikaw perjodu li huwa iqsar minn 12-il xahar iżda li jitqies avveniment ta' stress sinifikanti rilevanti għall-portafoll ta' istituzzjoni.

2. L-approċċ li jrid jiġi applikat biex jiġi identifikat il-perjodu ta' stress sabiex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit tal-Paragrafu 10a tal-Anness 5 tad-Direttiva 2006/49/KE kif emendata mid-Direttiva 2010/76/UE, sabiex jiġi kkalkolat kejl tal-VaR taħt Stress ikkalibrat għal perjodu kontinwu ta' 12-il xahar ta' stress finanzjarju rilevanti għall-portafoll ta' istituzzjoni, huwa l-element l-aktar materjali li jiddetermina l-eżitu tal-mudell u għaldaqstant huwa soġġett għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

### 5. Numru ta' perjodi ta' stress li jridu jintużaw għall-kalibrar

1. Għall-finijiet ta' approvazzjoni tal-għażla tal-perjodu ta' stress mill-istituzzjonijiet, awtorità kompetenti hija l-awtorità kompetenti responsabbli għall-eżerċizzju ta' superviżjoni fuq bażi kkonsolidata ta' din l-istituzzjoni tal-UE u, fil-każ ta' mudell intern rikonoxxut ukoll f'livell ta' sussidjarja, l-awtorità kompetenti responsabbli mill-eżerċizzju ta' superviżjoni ta' din is-sussidjarja tal-istituzzjoni tal-UE.

2. Meta l-awtoritajiet kompetenti japprovaw il-perjodu ta' stress definit fil-livell tal-grupp skont l-Artikolu 37(2) tad-Direttiva 2006/49/KE b'referenza għall-Artikolu 129 tad-Direttiva 2006/48/KE, għandu jkun meħtieġ li perjodu ta' stress wieħed jiġi definit fil-livell tal-grupp biss.

3. Bħala eċċezzjoni għal dan li ntqal hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu li istituzzjoni tal-UE tiddetermina perjodu ta' stress differenti f'livell ta' sussidjarja jekk il-perjodu ta' stress definit għall-grupp ma jitqiesx rilevanti għall-portafoll tas-sussidjarja. Meta jintuża perjodu ta' stress wieħed għal grupp sħiħ f'istituzzjoni li għandha sussidjarja b'mudell tal-VaR lokalment approvat, l-istituzzjonijiet għandhom jagħtu provi li dan il-perjodu ta' stress għal grupp sħiħ huwa rilevanti għall-portafoll tas-sussidjarja.

## 6. L-approċċ għall-identifikazzjoni tal-perjodu storiku xieraq

1. Sabiex jintgħażel perjodu storiku għall-finijiet ta' kalibrar, l-istituzzjonijiet għandhom jifformulaw metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' perjodu ta' stress rilevanti għall-portafolli attwali tagħhom, abbażi ta' wieħed minn dawn iż-żewġ modi li ġejjin:

  i. approċċi bbażati fuq deċiżjoni; jew

  ii. approċċi formulajċi.

2. Approċċ ibbażat fuq deċiżjoni huwa wieħed li ma jużax analiżi kwantitattiva dettaljata biex jidentifika l-perjodu preċiż li għandu jintuża għall-kalibrar, iżda minflok joqgħod fuq analiżi ta' livell għoli tar-riskji inerenti f'portafoll attwali ta' istituzzjoni u l-perjodu ta' stress fl-imgħoddi li huma relatati ma' dawk il-fatturi ta' riskju. Meta dan l-approċċ ibbażat fuq deċiżjoni jintuża mill-istituzzjonijiet, għandu jinkludi elementi kwantitattivi ta' analiżi.

3. Minflok, approċċ formulajku huwa wieħed li, minbarra deċiżjoni esperta, japplika analiżi kwantitattiva aktar sistematika biex jidentifika l-perjodu storiku li jirrappreżenta stress sinifikanti għal portafoll attwali ta' istituzzjoni. Dan l-approċċ aktar sistematiku jista' jitħaddem b'bosta modi:

  i. Approċċ ibbażat fuq il-fattur ta' riskju: istituzzjoni tidentifika numru ristrett ta' fatturi ta' riskju li huma meqjusa prokura rilevanti għaċ-ċaqliq fil-valur tal-portafoll tagħha. Id-dejta storika għal dawn il-fatturi ta' riskju tista' tiġi analizzata bis-sħiħ biex jiġi identifikat il-perjodu tal-aktar stress (pereżempju, permezz ta' identifikazzjoni tal-perjodu tal-ogħla volatilità tal-fatturi ta' riskju), fil-perjodu tad-dejta storika.

  ii. Approċċ ibbażat fuq il-VaR: il-perjodu storiku huwa identifikat billi jew jintuża mudell tal-VaR sħiħ jew approssimazzjoni fuq perjodu storiku biex jiġi identifikat il-perjodu ta' 12-il xahar li jipproduċi l-kejl li l-aktar jirriżulta għall-portafoll attwali.

4. Dan l-approċċ għandu jitħaddem biex jiġi determinat perjodu storiku li jkun jipprovdi eżitu ta' kapital konservattiv minflok is-sempliċi perjodu tal-ogħla volatilità.

5. Filwaqt li ma jista' jintuża ebda approċċ mill-istituzzjonijiet, l-użu tal-approċċ formulajku, fejn possibbli, għandu jkun ippreferut għall-identifikazzjoni tal-perjodu storiku.

6. L-istituzzjonijiet jistgħu anki jgħaqqdu ż-żewġ approċċi msemmija hawn fuq biex jillimitaw il-piż kalkolabbli tal-approċċ formulajku. Dan jista' jsir billi jintuża approċċ ibbażat fuq deċiżjoni biex jiġu limitati perjodi ta' dejta storika li għandhom jiġu kkunsidrati fl-approċċ formulajku.

7. Indipendentement mill-approċċ użat, l-istituzzjonijiet għandhom jagħtu provi li l-perjodu ta' stress huwa rilevanti għall-portafoll attwali tagħhom u li fl-analiżijiet

tagħhom huma meqjusa medda ta' perjodi storiċi potenzjali. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom prova wkoll li l-portafoll li fih hija bbażata l-identifikazzoni tal-perjodi ta' stress ikun jirrappreżenta l-portafoll attwali tal-istituzzjonijiet, eż. billi jiġi applikat l-approċċ għall-identifikazzjoni tal-perjodu ta' stress għal portafolli tipiċi jew preċedenti oħrajn. Bħala eżempju, għal bosta portafolli, perjodu ta' 12-il xahar relatat ma' telf sinifikanti fl-2007/2008 ikun jirrefletti b'mod adegwat perjodu ta' stress bħal dak, iżda, minbarra dak, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw ukoll perjodi oħrajn rilevanti għall-portafoll attwali.

8. Fil-każijiet kollha, ma għandu jiġi applikat l-ebda ppeżar tad-dejta storika meta jiġi determinat il-perjodu storiku rilevanti jew meta jiġi kkalibrat il-mudell tal-VaR taħt Stress, peress li l-ippeżar tad-dejta f'perjodu ta' stress ma jkunx jirriżulta f'riflessjoni vera tat-telf potenzjali taħt stress li jista' jseħħ għal portafoll ta' istituzzjoni.

9. Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jużaw dejta antitetika meta jikkalibraw il-mudell tal-VaR taħt Stress, speċjalment meta portafoll ta' istituzzjoni jkun ikkaratterizzat minn bidliet spissi fil-pożizzjoni.

## 7. Dokumentazzjoni b'appoġġ tal-approċċ użat biex jiġi identifikat il-perjodu ta' stress

1. Indipendentement mill-approċċ applikat, l-istituzzjonijiet iridu jipproduċu dokumentazzjoni robusta li tiġġustifika l-għażla tal-approċċ li jsir. Fil-każijiet kollha, din għandha tinkludi valutazzjonijiet kwantitattivi biex jappoġġjaw l-għażla attwali tal-perjodu storiku u r-rilevanza tiegħu għall-portafoll attwali. Din għandha tinkludi wkoll dokumentazzjoni dwar l-immudellar tar-renditu tal-fatturi ta' riskju.

2. Meta l-istituzzjonijiet japplikaw approċċ formulajku biex jidentifikaw il-perjodu ta' stress, bħala minimu, għandhom jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li ġejjin fid-dokumentazzjoni relatata:

i. Ġustifikazzjoni għall-għażla ta' fatturi ta' riskju użati jekk jiġi applikat approċċ ibbażat fuq il-fatturi ta' riskju u meta jintgħażlu inqas mill-fatturi ta' riskju mmudellati.

ii. Ġustifikazzjoni ta' kwalunkwe simplifikazzjoni meta jintuża mudell tal-VaR simplifikat biex jidentifika l-perjodu storiku.

3. Meta jiġi applikat approċċ formulajku, li huwa bbażat fuq mudell tal-VaR simplifikat, istituzzjoni għandha tipprovdi wkoll provi adegwati li l-kejl simplifikat jagħti direzzjonalment l-istess riżultati tal-VaR bħall-mudell sħiħ tal-VaR (u għaldaqstant, huwa preċiż fid-determinazzjoni tal-perjodu tal-aktar stress). Dawn il-provi għandhom jinkludu analiżi empirika.

4. Meta jiġi applikat approċċ formulajku, li għandu l-għan li jidentifika l-aktar perjodu volatili għal sett ta' fatturi ta' riskju, istituzzjoni għandha tipprovdi biżżejjed

provi adegwati li perjodu ta' volatilità għolja huwa prokura xierqa għal perjodu li fih, il-kejl tal-VaR ikun għoli u li n-nuqqas ta' inklużjoni ta' korrelazzjonijiet jew fatturi oħrajn li jkunu riflessi fil-kejl tal-VaR ma jħallix impatt tant li din il-prokura ma tibqax xierqa.

## B. Analiżi tal-perjodu ta' stress

### 8. Frekwenza

1. Ir-rekwiżit tas-CRD (Capital Requirements Directive), għall-analiżi tal-perjodu identifikat ta' 12-il xahar ta' stress sinifikanti li tal-inqas għandha titwettaq kull sena mill-istituzzjonijiet, ifisser li ċirkustanzi differenti, inkluż fatturat ferm għoli fil-ktieb tal-kummerċ jew strateġiji ta' negozjar speċifiċi, jistgħu jeħtieġu analiżi tal-perjodu ta' stress bi frekwenza ogħla.

2. Kwalunkwe bidla fl-għażla tal-perjodu storiku wara l-eżitu tal-analiżi tal-perjodu ta' stress għandha tiġi kkomunikata lill-awtorità kompetenti qabel id-data ta' implimentazzjoni ppjanata tal-bidliet proposti.

### 9. Monitoraġġ tal-perjodu ta' stress

1. Minbarra l-analiżi regolari msemmija aktar 'il fuq, istituzzjoni għandu jkollha proċeduri fis-seħħ li jiżguraw, fuq bażi kontinwa, li l-perjodu ta' stress speċifikat jibqa' rappreżentattiv, anki meta l-kundizzjonijiet tas-suq jew l-għamliet tal-portafoll jkunu soġġetti għal bidla sinifikanti.

2. Sabiex jiġu implimentati proċeduri solidi għall-monitoraġġ kontinwu tar-rilevanza ta' perjodu ta' stress, istituzzjoni għandha tiddokumenta s-solidità tal-approċċ implimentat. Il-monitoraġġ jista' jkun ibbażat fuq medda ta' fatturi li jistgħu jvarjaw bejn l-istituzzjonijiet. Il-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati jinkludu bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq, fl-istrateġiji tan-negozjar jew anki fl-għażla tal-portafoll. Dawn il-fatturi jistgħu jiġu analizzati billi jitqabblu mal-bidliet fl-allokazzjoni tal-valuri jew nozzjonali tas-suq, fil-*loadings* tal-fatturi ta' riskju, fil-livell tal-VaR jew sensittivitajiet, fil-qsim mill-ġdid tal-VaR jew sensittivitajiet fuq portafolli u kategoriji ta' riskju, fil-P&L u r-riżultati ta' ttestjar b'lura jew anki fl-impatt ta' prodotti approvati reċentement fuq il-profil ta' riskju.

3. Minbarra l-proċeduri msemmija aktar 'il fuq, il-monitoraġġ tal-VaR taħt Stress relatat mal-VaR għandu jsir fuq bażi kontinwa għaliex filwaqt li fit-teorija, minħabba d-differenzi ta' parametrizzazzjoni, il-VaR taħt Stress jista' jkun eċċezzjonalment iżgħar mill-VaR, anki fit-tnissil, fil-livell strutturali mhux dejjem għandu jkun hekk. Il-proporzjon bejn il-VaR taħt Stress u l-VaR fil-mument ta' identifikazzoni tal-perjodu ta' stress rilevanti għandu jintuża bħala valur ta' referenza għal monitoraġġ kontinwu. Tnaqqis sinifikanti fil-proporzjon għandu jitqies bħala indikazzjonijiet għal ħtieġa potenzjali ta' analiżi ta' perjodu ta' stress. Proporzjon bejn il-VaR taħt Stress

u l-VaR ta' inqas minn wieħed għandu jitqies bħala sinjal ta' twissija li jġib miegħu analiżi tal-perjodu ta' stress.

## Ċ. Metodoloġija tal-VaR taħt Stress

### 10. Konsistenza mal-metodoloġija tal-VaR

1. Il-metodoloġija tal-VaR taħt Stress għandha tkun ibbażata fuq il-metodoloġija attwali tal-VaR, b'tekniki speċifiċi meħtieġa, fejn applikabbli, sabiex jiġi aġġustat il-mudell tal-VaR attwali f'wieħed li jipprovdi kejl tal-VaR taħt Stress. Għaldaqstant, kwalunkwe fattur ta' riskju li jseħħ fil-mudell tal-VaR għandu jkun rifless fil-VaR taħt Stress.

2. Fir-rigward tal-istandards użati fiż-żewġ miżuri, u minbarra dawk preskritti mid-Direttiva (eż. il-livell ta' fiduċja ta' 99%), l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw l-użu tal-iskalar tal-'għerq kwadrat taż-żmien' biex jikkalkolaw kejl ta' 10 ijiem tal-VaR taħt Stress. Minkejja dan, minħabba ċerti limitazzjonijiet magħrufa tal-fattur ta' skalar, analiżi li turi li s-suppożizzjonijiet fl-isfond tal-użu tar-regola tal-'għerq kwadrat taż-żmien' huma xierqa, għandha tifforma parti mill-proċess ta' validazzjoni tal-mudell intern.

3. Filwaqt li l-mudell tal-VaR taħt Stress għandu jinkludi wħud mill-istandards attwali tal-VaR, oħrajn jistgħu jvarjaw minħabba rekwiżiti espliċiti tad-Direttiva jew minħabba nuqqas ta' kompatibilità metodoloġika relatata mal-kunċett tal-VaR taħt Stress. B'mod partikolari, dan huwa l-każ fl-oqsma li ġejjin:

*(i) Tul tal-perjodu ta' stress*

Peress li t-tul tal-perjodu ta' stress irid ikun ta' 12-il xahar, ma tista' ssir ebda azzjoni għat-tnaqqis jew għaż-żieda tal-perjodu ta' stress iddikkjarat fuq il-bażi tal-ħtieġa għal konsistenza bejn VaR u VaR taħt Stress.

*(ii) Rekwiżit ta' ttestjar b'lura*

Il-fattur ta' multiplikazzjoni $m_s$ użat għar-rekwiżiti ta' kapital għandu jkun tal-inqas 3 u jiżdied b'addend ta' bejn 0 u 1 skont ir-riżultati ta' ttestjar b'lura tal-VaR. Minkejja dan, l-ittestjar b'lura mhuwiex rekwiżit minnu nnifsu għad-determinazzjoni tal-kejl tal-VaR taħt Stress.

*(iii) Perjodiċità tal-kalkolu tal-VaR taħt Stress*

Peress li s-CRD tistipula li l-kalkolu tal-VaR taħt Stress għandu jsir tal-inqas darba fil-ġimgħa, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu li jikkalkolaw il-kejl aktar spiss, pereżempju, ta' kuljum, biex jaħbtu eżatt mal-perjodiċità tal-VaR.

Pereżempju, jekk l-istituzzjonijiet jiddeċiedu dwar kalkolu ta' darba fil-ġimgħa tal-VaR taħt Stress, u jekk jiġi ssopponut VaR taħt Stress ta' jum wieħed skalat sa 10 ijiem, għall-kalkolu ta' kuljum tar-rekwiżiti ta' kapital bbażati fuq il-mudelli interni, ikun japplika dan li ġej:

a) L-istess numru tal-VaR taħt Stress jintuża għall-5 ijiem ta' negozju sussegwenti wara t-tħaddim tal-mudell tal-VaR taħt Stress;

b) Fir-rigward tal-kalkolu tan-numri medji tal-VaR taħt Stress matul is-sittin jum ta' negozju preċedenti, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw it-12-il numru tal-VaR taħt Stress preċedenti biex jikkalkolaw dik il-medja;

c) Istituzzjoni għandha tkun tista' turi li, fil-jum tal-ġimgħa magħżula għall-kalkolu tal-VaR taħt Stress, il-portafoll tagħha jkun jirrappreżenta l-portafoll li kellha matul il-ġimgħa u li l-portafoll magħżul ma jwassalx għal sottovalutazzjoni sistematika tan-numri tal-VaR taħt Stress meta jiġi kkalkolat darba fil-ġimgħa. Pereżempju, jista' jitqies li hi prova biżżejjed li jintwera li l-VaR mhuwiex sistematikament iktar baxx fil-jum tal-ġimgħa magħżula għall-kalkolu tal-VaR taħt Stress.

4. L-istandards tal-VaR taħt Stress jistgħu jkunu differenti mill-istandards tal-VaR f'ċirkustanzi oħrajn fejn jista' jkun hemm nuqqasijiet ta' kompatibilità metodoloġika bejn il-VaR attwali u l-mudell tal-VaR taħt Stress. Eżempju wieħed jinkludi bidliet fil-metodoloġija tal-VaR attwali li ma tistax tiġi ttrasformata fil-kejl tal-VaR taħt Stress u l-użu ta' valutazzjoni lokali (analiżi tas-sensittività/prokuri) meta mqabbla ma' rivalutazzjoni sħiħa, li hija l-approċċ ippreferut għall-VaR taħt Stress.

5. Bħala regola ġenerali, il-bidliet f'mudell tal-VaR jew metodoloġija tal-VaR ta' istituzzjoni għandhom ikunu riflessi fil-bidliet fil-mudell/metodoloġija użati għall-kalkolu tal-bidla tal-VaR taħt Stress.

6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, jekk istituzzjoni kapaċi turi li ma tistax tinkorpora titjib fil-metodoloġija tal-VaR attwali fil-VaR taħt Stress, sitwazzjonijiet bħal dawk għandhom jiġu ddokumentati u l-istituzzjoni għandha tkun kapaċi turi li l-impatt (pereżempju, f'termini tal-VaR jew rekwiżiti ta' kapital) li jirriżulta mill-iżviluppi attwali fil-VaR li mhumiex implimentati fil-kejl huwa limitat.

7. Fejn jintużaw is-sensittivitajiet minflok rivalutazzjoni sħiħa fi ħdan mudell tal-VaR, l-istituzzjoni kkonċernata għandha turi li dan l-approċċ għadu xieraq għall-VaR taħt Stress fejn jiġu applikati xokkijiet ikbar. Approċċ ibbażat fuq is-sensittività għall-VaR taħt Stress jista' jeħtieġ li jiġu fatturati derivattivi/konvessità ta' ordni ogħla.

8. Kwalunkwe *ladders* ta' rivalutazzjoni jew matriċi *spot*/tal-volatilità użati għandhom jiġu analizzati u estiżi sabiex jinkludu x-xokkijiet usa' tagħhom fil-fatturi ta' riskju li jseħħu f'xenarji taħt stress. Idealment tintuża rivalutazzjoni sħiħa għall-VaR taħt Stress b'xokkijiet applikati b'mod simultanju għall-fatturi ta' riskju kollha.

9. F'termini ta' kalibrar għad-dejta tas-suq, il-proċess ta' 'de-meaning' mhuwiex meqjus neċessarju għall-VaR taħt Stress. Jekk hemm tendenza sinifikanti fid-dejta tas-suq, l-użu ta' dejta antitetika huwa ppreferut fuq 'de-meaning'.

10. It-tabella ta' hawn taħt tissintetizza l-problemi ewlenin deskritti hawn fuq li jikkonċenraw il-livell ta' konsistenza bejn l-aspetti metodoloġiċi tal-kejl attwali tal-VaR u tal-VaR taħt Stress.

| **Hija meħtieġa konsistenza bejn il-VaR u l-VaR taħt Stress?** | | |
|---|---|---|
| **Iva għal…** | **Le għal…** | **Soġġetti għall-verifika** |
| Livell ta' fiduċja | Skema ta' ppeżar | Bidliet fil-mudelli |
| Perjodu ta' żamma | Ittestjar b'lura | Użu ta' approssimazzjonijiet tas-serje Taylor |
| | Tul tal-perjodu ta' osservazzjoni storika | |
| | Frekwenza tal-kalkolu | Metodu ta' skalar |

## 11. Stima tal-prokuri għall-VaR taħt Stress

1. Peress li r-restrizzjonijiet tad-dejta li jrendu neċessarju l-użu tal-prokuri għall-VaR isiru aktar rilevanti għall-VaR taħt Stress, u minħabba li hu mistenni li kwalunkwe prokura użata fil-VaR sejra tkun meħtieġa wkoll għall-VaR taħt Stress, filwaqt li oħrajn addizzjonali jistgħu jkunu meħtieġa wkoll, waqt li kwalunkwe fattur ta' riskju ġdid li ma jkunx preżenti fid-dejta storika għandu b'mod naturali jkun jeħtieġ l-użu ta' prokura għall-kalkolu tal-VaR, iżda biss fuq bażi 'temporanja' (eż. wara sena jekk ikun hemm biżżejjed tagħrif reali biex timtela serje ta' dejta ta' 12-il xahar), l-istess prokura għandha tkun aktar 'permanenti' għall-finijiet tal-VaR taħt Stress (minħabba l-aktar natura kostanti tas-serje ta' żmien storiku).

2. Jekk fattur ta' riskju jkun nieqes fil-perjodu ta' stress għaliex ma kienx osservabbli matul dak il-perjodu (pereżempju għal ekwità li tkun għadha kif ġiet elenkata), l-istituzzjoni tista' tuża fattur ta' riskju ieħor (f'dan l-eżempju, ekwità oħra mill-istess settur u b'riskju u profil tan-negozju simili) li dwaru hemm tagħrif disponibbli u li għalih tista' tintwera imġiba ferm korrelatata mal-fattur li l-istituzzjoni qiegħda tipprova tkopri. Meta jintużaw dawn il-prokuri, l-istituzzjonijiet jikkunsidraw jekk hijiex xierqa suppożizzjoni ta' korrelazzjoni ta' 100% bejn il-fattur ta' riskju u l-prokura tiegħu.

3. Inkella, l-istituzzjonijiet jistgħu jimmappjaw il-fattur nieqas ma' ieħor simili f'termini ta' volatilità (għad li mhux neċessarjament korrelatat). Jekk jintuża dan l-approċċ, l-istituzzjonijiet għandhom juru li huwa konservattiv u xieraq.

4. Jekk mudell tal-VaR jittejjeb billi jiġi inkorporat fattur ta' riskju, istituzzjoni għandha wkoll tinkorporah fil-kalkoli tagħha tal-VaR taħt Stress. F'ċerti każijiet, dan jista' jfisser analiżi tas-serje ta' dejta storika għall-fatturi ta' riskju u l-introduzzjoni ta' prokura xierqa. Pereżempju, meta fattur ta' riskju ġdid użat għall-finijiet ta' valutazzjoni jiġi inkorporat fil-mudell tal-VaR kif meħtieġ skont l-Anness V fil-punt 12 tal-ewwel Paragrafu tad-Direttiva 2006/49/KE, kif emendata mid-Direttiva 2010/76/UE.

5. Fil-każijiet kollha, l-użu ta' dawn il-prokuri, inklużi simplifikazzjonijiet u kwalunkwe ommissjonijiet li jkunu saru, mhumiex sejrin ikunu aċċettabbli dejjem jekk huma ddokumentati sew u l-limitazzjonijiet tagħhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni u jiġu indirizzati fl-evalwazzjoni tal-kapital tal-istituzzjoni.

## 12. Validazzjoni tal-prokuri

1. Filwaqt li l-validazzjoni ta' prokura għandha titwettaq b'mod ġenerali bl-istess mod għall-VaR u għall-VaR taħt Stress, kwalunkwe prokura validata għall-VaR ta' kuljum mhijiex awtomatikament aċċettabbli għall-VaR taħt Stress. Il-prokuri użati jistgħu jiġu reveduti b'mod perjodiku sabiex tiġi valutata l-adegwatezza tagħhom u jiġi żgurat li jipprovdu eżitu konservattiv.

2. Rigward dawk il-prokuri li jistgħu jintużaw għall-finijiet tal-VaR taħt Stress biss (pereżempju, minħabba nuqqas ta' dejta fil-perjodu magħżul), istituzzjoni għandha tiżgura li l-fattur ta' riskju użat bħala prokura jkun konservattiv.

## 13. Validazzjoni tal-inputs/eżiti tal-mudell

1. L-istandards kwalitattivi kollha definiti għall-kontroll tal-konsistenza, preċiżjoni u affidabilità tas-sorsi ta' dejta tal-VaR japplikaw ukoll għall-VaR taħt Stress.

2. Sottostanzi li għalihom l-istituzzjonijiet ma għandhomx storja tad-dejta dettaljata biżżejjed sabiex tkopri l-perjodu ta' referenza għandhom jiġu xxokkjati permezz ta' approssimazzjoni, billi jintużaw sottostanzi relatati mill-qrib (l-istess suq, struttura u karatteristiċi simili). Billi jsegwu l-istess proċess li ġie approvat għall-mudelli interni tal-istituzzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-kwalità tad-dejta storika użata għall-perjodu ta' referenza, l-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw il-metodoloġija segwita għall-identifikazzjoni u għall-prokura ta' dejta nieqsa. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu testijiet tal-impatt potenzjali tal-użu ta' dawn il-prokuri wkoll.

3. Bil-għan li jiġu ppreservati l-inugwaljanzi ta' arbitraġġ, l-istituzzjonijiet jista' jkollhom bżonn japplikaw it-tindif ta' dejta għall-VaR taħt Stress. Meta dan ikun il-każ, it-tneħħija ta' *outliers* mis-serje ta' dejta storika għandha tkun ġustifikata u

dokumentata kif xieraq, peress li din ma għandhiex twassal għal tnaqqis fil-kobor ta' avvenimenti estremi.

4. Hekk kif jimplika l-VaR taħt Stress bid-definizzjoni tiegħu, l-applikazzjoni ta' xenarji taħt stress qawwi għall-parametri attwali tas-suq, li jistgħu jwasslu għal kundizzjonijiet tas-suq inkoerenti (eż. rati *forward* negattivi) b'mod aktar frekwenti milli fi ħdan kalkolu tal-VaR, l-istituzzjonijiet għandhom jissorveljaw il-fallimenti ta' kalibrar li jistgħu jimmaterjalizzaw. L-istituzzjonijiet li jużaw rivalutazzjoni sħiħa meta jistmaw il-VaR taħt Stress tagħhom jistgħu jiġu kkonfrontati b'mod aktar spiss ma' dawk il-fallimenti ta' kalibrar meta mqabbla mal-istituzzjonijiet li ma jużawx rivalutazzjoni sħiħa, mhux għaliex il-fallimenti mhumiex sejrin iseħħu, iżda għaliex il-metodoloġija tagħhom mhijiex sejra tippermettilhom jidentifikaw dawn il-fallimenti ta' kalibrar meta jseħħu.

## D. Test tal-użu

### 14. Test tal-użu

1. Il-mudell tal-VaR taħt Stress għandu jkun soġġett għal test tal-użu permezz tal-użu tal-eżitu tal-VaR taħt Stress f'deċiżjonijiet ta' ġestjoni tar-riskji. L-eżitu tal-VaR taħt Stress għandu jiġi implimentat bħala suppliment għall-analiżi tal-ġestjoni tar-riskji bbażata fuq l-eżitu ta' kuljum ta' mudell tal-VaR. Ir-riżultati tal-VaR taħt Stress għandhom jiġu ssorveljati u riveduti b'mod perjodiku mill-maniġment superjuri.

2. Meta l-eżiti tal-VaR taħt Stress jikxfu vulnerabilità partikolari għal sett speċifiku ta' ċirkustanzi, għandhom jittieħdu passi immedjati biex dawk ir-riskji jiġu kkontrollati kif suppost.

## Titolu III – Dispożizzjonijiet Finali u Implimentazzjoni

### 15. Data ta' applikazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimplimentaw dawn il-Linji Gwida billi jinkorporawhom fi ħdan il-proċeduri superviżorji tagħhom fi żmien sitt xhur mill-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida finali. Wara dak iż-żmien, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaraw li l-istituzzjonijiet jikkonformaw magħhom b'mod effettiv.